# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**ħamsa (5) ta' Frar 2020**

**Rikors Numru 365/19 FDP**

Fl-ismijiet

**DAAA Haus Limited**
**(C 68342)**

**Vs**

**Portem Brew and Leisure Ventures Limited**
**(C 80837)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta' April 2019, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

*Illi l-kumpannija rikorrenti ġiet inkarigata mill-kumpannija intimata sabiex tipprovdi servizzi in konnessjoni ma' "boutique hotel & cafe" li l-kumpannija intimata kienet qed tippjana li tagħmel ġewwa l-fondi 70, 71 u 72 Strait Street, Valletta liema servizzi jistgħu jiġu definiti bħala s-segwenti:*

*(a) Branding & Conceptualisation*
*(b) Detailed Design & Planning*
*(c) Procurement (BOQ & Quotations)*
*(d) Overseeing design implementation*

*Illi l-kumpannija rikorrenti provdiet is-servizzi tagħha b'mod professjonali tant illi l-"conceptualisation" tal-proġett ġie kompletat u aċċettat mill-kumpannija intimata.*

*Illi d-"detailed design" tal-proġett ġie ukoll eżegwit mill-kumpannija rikorrenti u aċċettat mill-kumpannija intimata mingħajr riserva;*

*Illi l-bill of quantities (BOQ) u l-illustrative design binder ukoll ġew kompilati mill-kumpannija rikorrenti;*

*Illi f'dana l-istadju li beda jinqala' disgwid bejn il-kumpannija intimata u l-kumpannija rikorrenti u dana stante li l-kumpannija intimata ma kellhiex il-fondi neċessarji sabiex tiffinanzja l-proġett kif rifless fil-BOQ u konsegwentement il-kumpannija intimata bdiet tesprimi riservi dwar l-istima indikata mill-kumpannija rikorrenti fil-BOQ;*

*Illi effettivament fit-30 ta' Ottubru 2017 il-kumpannija intimata kienet itterminat l-inkarigu tal-kumpannija rikorrenti in konnessjoni mal-interior and branding proposal tal-proġett u sar qbil illi ġialadarba d-design drawings jiġu sottomessi lill-kumpannija intimata mill-kumpannija rikorrenti, il-kumpannija intimata kellha tħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ulterjuri ta' €9000 (disat elef Ewro), liema somma għadha sa illum ma tħallsitx għalkemm d-design drawings ġew debitament sottomessi lill-kumpannija intimata;*

*Illi wkoll għandu jingħad illi diversi xhur wara t-terminazzjoni tal-inkarigu tal-kumpannija rikorrenti, il-kumpannija intimata ivvantat pretensjonijiet fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti għal-likwidazzjoni ta' danni ibbażati fuq l-kawżali frivola, vessatorja u malizjuża li permezz tagħha l-kumpannija intimata allegat li l-kumpannija rikorrenti kellha teżegwixxi xi opra ġewwa l-fond 70, 71 u 72 Strait Street, Valletta a bażi tal-ispeċifikazzjonijiet allegatament pattwiti bejn il-kontendenti skond l-Interior & Branding proposal, liema opra skond il-kumpannija intimata qatt ma ġiet eżegwita mill-kumpannija rikorrenti;*

*Illi dawn il-pretensjonijiet tal-kumpannija intimata, imsejsa fuq kawżali frivoli, vessatorji u malizjużi, ġew ukoll vantati permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1306/18 fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) vs DAAA Haus Limited (C68342) permezz ta' liema l-kumpannija intimata talbet li tiġi ikkawtelata s-somma ta' €377,028 (tlett mija u sebgħa u sebgħin elf u tmienja u għoxrin Ewro);*

*Illi b'konsegwenza ta' dana l-mandat ta' sekwestru intavolat mill-kumpannija intimata fil-konfront tal-kumpannija rikorrenti ġew sekwestrati fondi sostanzjali f'kontijiet bankarji, bir-riżultat li l-kumpannija rikorrenti ġiet prattikament sprovvista minn fondi li kienu jippermettulha topera u l-operat tagħha ġie paralizzat;*

*Illi l-mandat ta' sekwestru numru 1306/18 ġie eventwalment revokat prattikament għal kollox (salv għas-somma ta' €8500) permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 4 ta' Ottubru 2018 peress li l-kumpannija intimata kienet naqset li tiġġustifika li l-mandat ta' sekwestru kellhu jinħareġ għall-kawtela ta' somma ta' €377,028 u dana wara li l-kumpannija rikorrenti intavolat proċeduri*

*kontra l-kumpannija intimata ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi b'riżultat tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru numru 1306/18 l-kumpannija rikorrenti sofriet danni sostanzjali li għalihom hija unikament responsabbli l-kumpannija intimata;*

*Illi konsegwentement il-kumpannija intimata għandha tirriżarċixxi lill-kumpannija rikorrenti għad-danni sofferti;*

*Illi għalkemm il-kumpannija intimata ġiet interpellata dina baqgħet inadempjenti;*

*Illi għalhekk kellha issir dina l-kawża;*

*Għaldaqstant, il-kumpannija rikorrenti umilment titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija intimata hija debitriċi tal-kumpannija rikorrenti fis-somma ta' €9000 (disat elef Ewro) rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar dovuti lill-kumpannija rikorrenti mill-kumpannija intimata għas-servizzi reżi mill-kumpannija rikorrenti;*

2. *Tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta; €9000 (disat elef Ewro) skond dak deċiż fl-ewwel talba;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija intimata hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti b'riżultat tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 1306/18 fl-ismijiet Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) vs DAAA Haus Limited (C68342);*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mill-kumpannija rikorrenti occ nominandi;*

5. *Tikkundanna lill-kumpannija intimata tħallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-kumpannija intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-kumpannija rikorrenti;*

2. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata bl-affissjoni ġewwa 59, Triq Mediterran, Pembroke, l-Għassa tal-Pulizija ta' Pembroke, u l-Kunsill Lokali ta' Pembroke, lkoll fis-26 ta' Lulju 2019.

3. Rat illi fid-9 ta' Awissu 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fit-13 ta' Awissu saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta 'The Malta Independent'.

4. Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2019, meta ssejjħet il-kawża, ma deher ħadd għas-soċjeta' intimata, u ma daħħlet ebda nota ta' eċċezzjonijiet da parte tas-soċjeta' intimata.

5. Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Keith Pillow, mogħtija fil-21 ta' Novembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

6. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Keith Pillow mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

7. Rat illi fil-11 ta' Dicembru 2019 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kienx fadallha aktar provi x'tippreżenta.

8. Rat illi, in vista tal-kontumaċja tas-soċjeta' intimata, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijet tas-soċjeta' intimata għas-27 ta' Jannar 2020.

9. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020, la daħħlu s-sottomissjonijet da' parte tas-soċjeta' intimata u wisq anqas deher rappreżentant ta' l-istess soċjetà intimata.

10. Rat illi fis-27 ta' Jannar 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijet**

11. Jirriżulta, mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Keith Pillow, li s-soċjeta' rikorrenti prestat servizzi lis-soċjeta' intimata, fuq talba ta' l-istess soċjetà intimata u a benefiċċju tagħha, għal liema servizz is-soċjeta' intimata kien għad fadallha bilanċ ta' disat elef Euro (€9,000).

12. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, kontumaċi fil-proċeduri odjerni, ivvantat pretensjoni kontra s-soċjeta rikorrenti li wasslitha sabiex tippreżenta Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1306/2018 kontra s-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €377,028.

13. Jirriżulta illi, riżultat tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat mis-soċjeta' konvenuta, il-fondi tas-soċjeta' rikorrenti gew iffriżati, inkluż fondi illi s-soċjeta' rikorrenti kellha f'kont b'fondi ta' terzi intenzjonat għall-proġett lilha inkarigat, bir-riżultat illi tali proġett ieħor li s-soċjeta' rikorrenti kienet qiegħda tagħmel dak iż-żmien għall-klijent tagħha kellu jieqaf għal xi żmien sakemm is-soċjeta' rikorrenti sabet mezz biex tkompli tiffinanzja l-proġett.

14. Jirriżulta illi sabiex tkompli tiffinanzja l-proġett ta' terzi, s-soċjeta' rikorrenti kellha tagħmel garanzija bankarja ta' sebgħin elf Euro għall-perjodu ta' ħamsa u sebgħin ġurnata, b'interessi ta' tmienja fil-mija, li swiet lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €1,150.68 f'interessi addizzjonali.

15. Jirriżulta illi sussegwentement, fl-4 ta' Ottubru 2018, wara rikors revoka intavolat mis-soċjeta' rikorrenti, il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ġie revokat, għajr

għall-ammont żgħir, peress illi, fi kliem dik-il-Qorti, "*l-kont imsemmi fir-rikors tas-sekwestrata, għalkemm intestat f'isimha, fil-fatt jappartjeni lil terzi.*"

16. Jirriżulta illi, skond ix-xhieda tar-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, il-proġett illi s-soċjeta' rikorrenti kellha għal-terzi spiċċa dam aktar milli previst, bir-riżultat illi s-soċjeta' rikorrenti inkorriet penali fil-valur ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000), liema penali tnaqqset mill-ammont finali imħallas lis-soċjeta' rikorrenti.

17. Jirriżulta illi, in vista tal-aġir tas-soċjeta' intimata, illi, għalkemm debitament notifikata, naqqset milli tidher sabiex tikkontesta l-veraċita' ta' dak dikjarat mis-soċjeta' rikorrenti, u l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita mill-verżjoni tal-fatti kif dikjarati bil-ġurament minn Keith Pillow, bħala rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti.

## Konklużjoni

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' Keith Pillow u rat id-dokumentazzjoni minnu imsemmija,

Wara illi rat li s-soċjeta' intimata Portem Brew and Leisure Ventures Limtied, għalkemm debitament notifikata, naqqset milli tidher il-Qorti sabiex tikkontesta l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti DAAA Haus Limited,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotti;

**Tiddikjara** illi l-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited hija debitriċi tal-kumpannija DAAA Haus Limited fis-somma ta' €9,000 (disat elef Ewro) rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar dovuti lill-kumpannija DAAA Haus Limited mill-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited għas-servizzi reżi mill-kumpannija DAAA Haus Limited;

**Tikkundanna** lill-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited tħallas lill-kumpannija DAAA Haus Limited s-somma ta' **€9,000 (disat elef Ewro)**, bħala bilanċ għal servizzi reżi;

**Tiddikjara** wkoll illi l-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mill-kumpannija DAAA Haus Limited b'riżultat tal-Mandat ta' Sekwestru Numru l306/18 fl-ismijiet '*Portem Brew and Leisure Ventures Limited (C80837) vs DAAA Haus Limited (C68342)*';

**Tillikwida** d-danni sofferti mill-kumpannija DAAA Haus Limited fl-ammont ta’ sitta u erbgħin elf, mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€46,150.68), kif deskritti mis-soċjeta’ rikorrenti fil-prospett minnhom ippreżentat a fol 76;

**Tikkundanna** lill-kumpannija Portem Brew and Leisure Ventures Limited tħallas lill-kumpannija DAAA Haus Limited s-somma ta’ **sitta u erbgħin elf, mija u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€46,150.68)** in linea ta' danni;

**Imgħax** mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Bl-ispejjeż** kif mitluba kontra s-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**